# Il-jum li fih kollox mar tajjeb (5)

**(Komponiment miktub waqt l-eżami għad-dħul fl-ewwel klassi tal-Junior Lyceum)**

**Nhar il-Sibt filgħodu jiena u l-ġenituri tiegħi morna ġurnata l-baħar. Mill-ġurnata ta' qabel qgħadna nippreparaw l-affarijiet ħalli jkollna kollox lest qabel ma nitilqu.**

**L-għada ħadna ħafna pjaċir il-baħar. Jiena u missieri bnejna żewġ *grounds* tal-futbol bir-ramel. Imbagħad qgħadna nżejnuh u ġie sabiħ ħafna. Wara aħna qgħadna nilagħbu bil-ballun li kelli. Ħadna pjaċir noqogħdu nixxutjaw il-ballun lil xulxin. Kif daqq nofsinhar ommi għajtitilna biex immorru nieklu. Kilna biċċa ħobż biż-żejt u lili niżlitli għasel. Wara xi ftit lkoll morna ngħumu. Il-baħar kien ċar daqs il-kristall u kien qisu żejt. Aħna ħadna gost ngħumu għax il-baħar kien kiesaħ u kienet ħafna sħana. Xi kwarta wara jiena u missieri bdejna nogħdsu. F'leħħa ta' berqa rajna munita ta' żewġ ewro midfuna fir-ramel. Inżilt għaliha, ġbartha u tfajtha fil-but. Imbagħad tlajna mill-baħar.**

**Kif saru xi l-erbgħa ta' wara nofsinhar aħna tlaqna lura d-dar. X'ħin ftaħna l-kaxxa tal-ittri sibna r-riżultati tal-eżamijiet. Jien malajr ftaħt l-envelopp għax kelli ferħ ta' ġenn. Tlajt fis-seba' sema x'ħin qrajt li kont ġejt l-ewwel mill-iskola kollha. Missieri u ommi bdew jifirħu wkoll u qaluli li ġibt dawk il-marki għax ħdimt u għamilt ħilti. Missieri ħareġ bl-idea li bħala rigal jixtrili rota. Huwa ħadni għand ħabib tiegħu li kellu ħanut tar-roti. Huwa qalli biex nagħżel liema waħda l-aktar li għoġbitni. Għajnejja mill-ewwel waqgħu fuq rota li kienet qiegħda sserraħ mal-ħajt. Hija kienet ta' lewn safrani u kienet kollha tal-ħadid. Kienet tad-ditta BMX, bir-roti suwed faħma u bis-sarġ tal-ġilda. Jien għedt lil missieri li dik għoġbitni u hu xtrahieli. Meta morna lura d-dar urejtha lil ommi u lilha għoġbitha wkoll. Issa kien wasal il-lejl u jien mill-ewwel irqad għax qabadni ħafna ngħas. X'ħin kont rieqed ħlomt ħolma sabiħa ħafna imma kieku nirrakkontaha kont indum sigħat twal.**

**Dak il-jum kollox ġieni sew u naħseb li kien l-isbaħ jum ta' ħajti. U kif jgħid il-qawl Malti: Il-ġurnata minn filgħodu turik. Nixtieq kieku kull ġurnata tkun bħal dak il-jum!**